**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 68**

**nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 68 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:13pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
68.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
68.4 Korrispondenza
68.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
68.6 Rapporti;
68.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
68.9 Mozzjonijiet;
68.10 Preparamenti għall-Festa Frawli 2018
68.11 Proposta ta' laqgħa dwar il-Ġnejna qabel is-sajf
68.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

68.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

68.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva proposta sabiex iċ-Ċnetru ta' Matul il-Jum tal-anzjani jibda' jiftaħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan huwa forsi ħafna, imma ser jara ftit ir-rispons tal-anzjani x' inhu qabel ma jieħu deċiżjoni finali.

Fil-5:32pm daħal il-Kunsillier Clayton Gauci.

68.3.2 Is-Sindku informa li kien qiegħed f' kuntatt ma' GreenMT sabiex jitneħħew l-iskips tal-Bring-In Site li hemm fil-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa.

68.3.3 Is-Sindku informa li hu, flimkien mal-Kunsillier Mario Sammut, kien żaru il-lokalita' ta' Mathi, fl-Italja fejn kellhom laqgħat anke' mal-ex-sindku tal-Comune.

68.3.4 Is-Sindku informa li kienet ser issir Clean Up fl-24 ta' Marzu mill-għaqda Żibel lejn Għajn Tuffieħa.

68.3.5 Is-Sindku informa wkoll li is-smigħ quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-Ġnien skorba kienet ġiet differita minħabba nuqqas ta' rapport dwar il-KNPD.

**68.4 Korrispondenza**

68.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

68.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mingħand l-Għaqda tan-naħal sabiex jużaw l-indirizz tal-Kunsill bħala s-sede tagħhom għal-fini ta' formoli u applikazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li din aħjar ma ssirx, u ser ikun qed jieħu parir mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwarha.

68.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kommunikazzjoni dwar Miżura 4.3 li kienet qed tistaqsi jekk Trejqa ta' Binġemma u Trejqa fil-Ballut kienux aċċessibbli għall-pubbliku. Il-Kunsill ikkonferma li t-tnejn huma miftuħin għall-pubbliku.

**68.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

68.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri għal din il-laqgħa.

**68.6 Rapporti**

68.6.1 Ma kienx hemm rapport waqt din il-laqgħa.

**68.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

68.7.1 Ma kienx hemm temi li ġew diskussi f' din il-laqgħa.

**68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

67.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 4/2018, li kienet tammonta għall-€27,121.32.

68.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**68.9 Mozzjonijiet**

68.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**68.10 Preparamenti għall-Festa Frawli 2018**

68.10.1 Ser issir laqgħa ta' koordinament bejn il-Pulizija tad-Distrett, il-Pulizija tat-Traffiku, il-LESA, Transport Malta u l-Malta Public Transport, flimkien mal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Marzu.

68.10.2 Ser tintbgħat ittra fid-djar tar-residenti bħala informazzjoni tal-imanniġġjar tat-traffiku matul l-avveniment, u biex tintalab il-kollaborazzjoni neċċessarja.

**68.11 Proposta ta' laqgħa dwar il-Ġnejna qabel is-sajf**

68.11.1 Ġie diskuss li għandha tissejjaħ laqgħa mal-Għaqda ta' dawk li għandhom kamra il-Ġnejna, flimkien mad-Direttorat tal-Indafa Pubblika, b' koordinament tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss u maqbul ir-responsabbiltajiet u d-doveri ta' kull parti qabel ma jibda' l-istaġun tas-sajf.

**68.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

67.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:32pm.

67.12.2 Il-Laqgħa numru 69 tal-Kunsill issejħet għall-Erbgħa 18 ta' Arpil 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***